**Qorti tal-Appell Kriminali**

Onor. Imhallef Giovanni M. Grixti LL.M., LL.D

Seduta tat-23 ta' Frar, 2017

Appell Nru. 589/2016

Il-Pulizija

vs

Joseph Azzopardi

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, Joseph Azzopardi, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 570181M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fix-xahar ta' Awwissu, 2016 f'dawn il-Gzejjer naqas milli jaghti lil Lourdes Bianchi is-somma ta' €400 ffissata minn dik il-Qorti stipulata fil-kuntratt bhala manteniment ghal uliedu u/jew martek fi zmien hmistax-il jum minn dak il-jum li fih, skond l-ordni jew dak il-kuntratt kellha tithallas is-somma skond Kap 9 tal-Art. 338 (z);

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-21 ta' Novembru, 2016 li biha sabet lill-appellant, allura imputat, hati tal-imputazzjoni dedotta kontra tieghu w ikkundannatu ghal xahar detenzjoni.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Joseph Azzopardi, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fis-7 ta' Dicembru, 2016 fejn talab lil din il-Qorti joghgobha jirriforma s-sentenza appellata billi tipprovdi ghal piena aktar mita u idoneja fic-cirkostanzi;

Semghet il-provi;

Rat l-aggravji tal-appellant;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkunsidrat:

1. Illi dan l-appell huwa limitat ghal-piena erogata mill-ewwel Qorti fuq il-gravami singolari illi din kienet wahda eccessiva;
2. Illi l-kwerelanta xehedet quddiem din il-Qorti illi fil-mori l-appellant ottempera ruhu mal-ordni tal-Qorti fl-obbligu tieghu li jivversa dik ir-retta alimentari lamentata fl-imputatazzjoni;
3. Illi ghad illi mhux normali li din il-Qorti bhala Qorti ta' Appell Kriminali tiddisturba d-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti kwantu l-piena erogata hlief jekk dik il-Qorti hlief fil-kaz meta l-piena ma tkunx fil-parametri tal-ligi, madanakollu l-iskop tal-legislatur kif espress fl-artikolu 338(z) tal-Kodici Kriminali intlahaq proprju bid-dikjarazzjoni ta' hlas tal-ammont kollu dovut;

4. Ghal dawn il-motivi tilqa' l-appell u tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f'dik il-parti li biha sabet lill-appellant hati, tirrevokaha fil-parti fejn ikkundannatu ghal-piena ta' gimgha detenzjoni u fic-cirkostanzi partrikolari ta' dan il-kaz tikkundannah ghal twiddiba.

Giovanni Grixti
Imhallef